Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 126 / 2015**

Il-Pulizija

(Spettur Pierre Grech)

vs

**David Strba**

u

**Zdenko Klein**

Illum, 14 ta' Novembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti David Strba, iben Ondrej Holy, imwieled Slovakia, fit-28 ta' Lulju, 1995, detentur tal-karta ta' l-identita' Slovakka numru EB286120 u Zdenko Klein iben Zdenko, imwieled Slovakia, fit-28 ta' Marzu, 1991, detentur tal-karta ta' l-identita' Slovakka numru EC512671, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f' dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Lulju 2014 u fil-gimghat ta' qabel:

a) Ikkultivaw il-pjanta *Cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8 (c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellhom fil-pussess taghhom il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Marzu, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(c), 8(d), 22(1B), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet (a) u (b) migjuba fil-konfront taghhom u kkundannathom ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva kull wiehed u multa ta' seba' mija u ghoxrin Euro (€720) kull wiehed li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 ghandha tithallas minnhom fi zmien tlett (3) xhur mill-lum. Pero` jekk il-hatja jonqsu li jhallsu dan l-ammont jew parti minnu, fi zmien lilhom preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

In oltre, ordnat lill-hatja jhallsu l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti kemm dawk fl-istadju tal-*proces verbal* tal-inkjesta, kif ukoll dawk mahtura fil-proceduri, a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mitejn, hamsa u ghoxrin Euro u tnejn u sittin centezmu (€225.62), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert PC 422 Neil Godwin Caruana, ammontanti ghas-somma ta' hamsa u sittin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€65.75), u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' hames mija, erbgha u sittin Euro u tmenin centezmu (€564.80), b' kollox ammontanti ghas-somma ta' tmien mija, sitta u hamsin Euro u sbatax-il centezmu (€856.17), liema somma ghandha tithallas in kwantu ghan-nofs mill-imputat Strba u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-imputat Klein u dan fi zmien tlett xhur mil-lum. Madankollu, jekk il-hatja jonqsu li jhallsu l-ammont minnhom dovut jew parti minnu fiz-zmien lilhom preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga u tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti flimkien mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, kif ukoll bhala parti minn Dok. PG 11, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien

tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ordnat wkoll ir-rilaxx tal-*mobile phone* esebit bhala Dok. PG 10 favur l-imputat Klein u r-rilaxx tal-*mobile phones* esebiti bhala Dok. PG 11 favur l-imputat l-iehor Strba.

Rat ir-rikors tal-appellanti David Strba u Zdenko Klien minnhom pprezentat fit-13 ta' Marzu, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza fuq indikati tal-3 ta' Marzu 2015 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tikkonferma l-htija tat-tieni, izda tilliberahom mill-ewwel akkuza.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Ghar-rigward l-ewwel akkuza jidher car li l-appellanti ma ghamlux il-process ta' kultivazzjoni tal-pjanti ta' cannabis. Kif qalet I-Ewwel Qorti, l-appellanti ma zrawx il-cannabis u skont ix-xhieda dawn il-pjanti ingabu jew inzraw mill-inkwelini precedent ta' l-appellanti. L-appellanti minflok ma zammewx ix-xtieli fl-appartament fejn sabuhom telghuhom fuq il-bejt. Dan cert mhux parti mill-process ta' kultwazzjoni. Skont ix-xhud, Martin Cabejsek, qalli bdew jiehdu hsiebhom, kif ma nafux. B' hekk kien qed jghin fil-process ta' kultivazzjoni jew sempliciment naddaf il-weraq ma nafux jew xi haga ohra trivjali. B' hekk is-sentenza kkwotata mill-Ewwel Qorti, Ir-Repubblika ta' Malta vs Loreto Attard propjament jispjega dan. Mill-provi prodotti ma jidhirx li l-prosekuzzjoni pprovat l' hinn minn kull dubju rageonevoli li l-appellanti kkultivaw il-cannabis, izda sempliciment li kienu jafu fuq il-bejt kien hemm xtieli ta' cannabis u fil-fatt hadu ritratt fuq il-mobile. B' hekk realistikament kellhom pussess semplici. Aspett iehor hu li l-appellant Strba qal li kien jixtri l-cannabis mill-Mellieha. Jekk kien jikkultiva l-cannabis u kien haseb li huma tieghu u ma kienx jixtri minn x' imkien iehor.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi in breve l-fatti kienu s-segwenti;

1. Fil-lejl ta' bejn it-tnejn (2) u t-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) Pulizija sabu tlett (3) pjanti suspettati tal-cannabis fuq bejt komuni fi blokka ta' appartamenti;

2. F'din it-tfittxija f'dan l-appartament instabu affarijiet relatati mal-uzu tal-cannabis u fertilizzant tal-pjanti;

3. Tnejn miz-zaghzagh li kienu jirrisjedu f'dan l-appartament kienu l-appellanti. F'dan l-appartament kienu jirrisjedu ukoll Mario Bona u Martin Cabejsek, it-tfajla ta' Martin Cabejsek u Andrea;

4. Illi wara li ttiehdu dikjarazzjonijiet ta' dawk prezenti u ttiehdu l-istqarrijiet tal-imputati, inhargu l-imputazzjonijiet kontra l-appellanti;

Illi l-appell tal-appellanti David Strba u Zdenko Klein huwa limitat ghas-sejbien ta' htija tal-ewwel imputazzjoni u cioe' li kkultivaw il-pjanta Cannabis bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta izda mhumiex jappellaw dwar is-sejbien ta' htija tat-tieni (2) imputazzjoni u cioe' dik li tirrigwarda l-pussess tal-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk din il-Qorti sejra tillimita l-kunsiderazzjonijiet taghha fuq l-ewwel imputazzjoni u cioe' dik tal-kultivazzjoni tal-pjanta Cannabis u ghalhekk il-provi li din il-Qorti sejra taghmel referenza ghalihom huma dawk relatati mal-kultivazzjoni u mhux mal-pussess semplici tal-Cannabis. L-appell huwa bbazat fuq l-

apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti fejn l-appellanti jissottomettu li ma ghamlux il-process ta' kultivazzjoni tal-pjanti ta' cannabis li ma zrawx il-cannabis u li skont ix-xhieda dawn il-pjanti ingabu jew inzraw mill-inkwilini precedenti tal-appellanti. Li l-appellanti minflokk ma zammew ix-xtieli fl-appartament fejn sabuhom telghuhom fuq il-bejt. Dan mhux parti mill-process ta' kultivazzjoni skont l-appellanti. Jissottomettu li skont ix-xhud Martin Cabejsek qal li bdew jiehdu hsiebhom izda kif ma nafux ghalhekk jissottomettu jekk b'hekk kienu qed jghinu fil-process ta' kultivazzjoni jew sempliciment nadfu il-weraq jew xi haga ohra trivjali. Li mill-provi ma jirrizultax li l-Prosekuzzjoni ippruvat lil hin minn kull dubju ragonevoli li l-appellanti kkultivaw il-cannabis izda sempliciment li kienu jafu fuq il-bejt kien hemm xtieli tal-cannabis u hadu ritratt fuq il-mobile. Li skont l-appellanti realistikament kellhom pussess semplici. Li aspett iehor hu li l-appellant Strba qal li kien jixtri l-cannabis mill-Mellieha. Jissottomettu li jekk kien jikkultiva l-cannabis u kien haseb li huma tieghu u ma kienx jixtri minn x'imkien iehor.

Illi kif inhu risaput din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal tali konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti sakemm din il-Qorti ma jkolliex dak imsejjah '*lurking doubt*'. Filfatt fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Martin (Martin-Joseph) Galea'**[1] gie kkunsidrat li:

'*F'**Blackstone's Criminal Practice 2004** naqraw ukoll (para. D23.17 pagna 1668):*

***"The case of Cooper [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):***

***'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the***

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Marzu, 2009 (Appell Kriminali Numru: 313/2006)

***years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.***

***However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'." '***

Din il-Qorti tqis li x-xhud principali li xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja kien Martin Sabejsea li xehed fl-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014). Huwa ma kienx ko-akkuzat izda skont dak li l-Qorti iddikjarat fix-xhieda tieghu u cioe' li '*Now that your case has been decided you have to tell me exactly what happened.*', l-kaz kontra tieghu kien gia deciz qabel ha l-pedana biex jixhed f'din il-kawza. Huwa gie moqri l-istqarrija rilaxxata minnu ghalkemm ma gietx pprezentata u kkonferma l-kontenut taghha. F'din l-istqarrija kien fost affarijiet ohra ddikjara li '*Marko who lived there before me, planted the plants and I saw him taking care of the plants. He had three (3) plants, before he kept them on the balcony and since he left the other guys, moved them to the roof because it is better for the plants, because of the sun. They were taking care of them like one (1) month till now.*' Jghid li huma David u Zdenko. Jghid li '*Sometimes they mention something like how much they grow and how much they water them and cut the old leaves.*' Mistoqsi fl-istqarrija jekk jaf ghala zammew il-pjanti wara li telaq Marko wiegeb li '*I guess they were bored and since they dont have a job and they just wanted to try and grow the plants, the plant I guess.*' Meta mistoqsi fl-istqarrija '*Why did you not try to cultivate the plants yourself since you smoke Cannabis?*' wiegeb '*I was not interested in it. I do not smoke that much and I do not have the time and I do not*

*spend much time at home.*' Mistoqsi dwar wara li telaq Marko lejn il-Germanja qal li '*he just left them on the balcony. And when David and Zdenko came two (2) days later, they took them to the roof and started taking care of them.*' Ma jafx jekk il-flixkun ta' fertilizant kienx qieghed jigi uzat ghal pjanti tal-Cannabis u jghid li ma jimpurtahx. Huwa gharaf lill-imputati fl-awla. Meta mistoqsi fix-xhieda tieghu viva voce '*What did they do to care for them?*' wiegeb '*I mean I didn't see them really see them but most probably it was them.*' Mistoqsi '*How was it that you didn't really see them when even yesterday evening you told me personally that, it is not written here, but you told me personally in my office that you saw them doing something.*' Wiegeb '*I seen them watering the flower.*' Jghid li l-verita. Jghid li originarjament il-pjanti kienu ta' Marko u telaq lejn il-Germanja. In kontro-ezami qal li ma jafx minn hadhom fuq il-bejt mill-gallarija. Jghid li '*the flower was adready on the roof when Marko left*' Jghid li rahom jiehdu hsieb il-pjanta. Jghid li ma ghenhomx isaqqu l-pjanti. Mistoqsi '*When did you see them watering the plant on the roof, morning, afternoon, evening?*' wiegeb '*I see them once in the evening.*' Il-pjanti kienu ta' Marko '*Because he planted them, he made the seed and taking care of them. I've seen him watering every day, for one (1) month. No one else, he did.*' Jghid li meta pejjep il-Cannabis kien jixtriha jghid li '*I bought, already done because those plants which were found on the roof they were not ready at all.*' Jghid li huma xtraw ghalihom. Jikkonferma li l-bejt huwa uzat minn zewg flats, fejn kien jghix hu u hamsa ohra u flat iehor fejn kienet tghix mara anzjana u bintha. Kien hemm pjanti ohra hdejn tal-Cannabis probabli tal-mara li kienet tghix fil-flat l-iehor.

L-Ispettur Pierre Grech xehed fit-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn fil-lejl ta' bejn it-tnejn (2) u t-tliet (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) wara li l-pulizija divizjonali tal-Qawra rcevew informazzjoni kunfidenzjali li f'108 Triq l-izbark tal-Francizi, Mellieha marru jiccekjaw il-post flimkien ma xi ufficjali tad-Drug Squad fejn hemm sabu tlett (3) pjanti tal-cannabis. Fost affarijiet ohra spjega li '*meta dahlu f'dan il-flat, hemm hekk sabu xi plant fertiliser, qisha xkora zghira u anke flixkun tal-plastic li huwa bhala fertiliser tal-pjanti. FIl-pussess ta' wiehed minn dawn iz-zghazagh li huwa certu David Strba, nstabu wkoll xi affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga bhal pipi zghar tal-aluminium u xi affarijiet hekk. Dawn iz-zaghazagh li kienu David Strba, Klein Zdenko, Martin Caasek u Mario Bona, kienu gew arrestati mill-pulizija ghal iktar stharrig. Fuq il-post stess wara li kienu nghataw il-caution u d-drittjiet*

*taghhom, PS 839 u PC 364, fil-fatt kienu tkellmu ma dawn in-nies u anke kienu qalu li dawn jafu b'dawn il-pjanti. Kellhom knowledge ta' dawn il-pjanti. Kien hemm ukoll certu Martin fejn kien semma li David u Zdenko kienu jiehdu hsieb dawn il-pjanti.* ***<u>Ukoll fuq il-post David u Zdenko kienu ammettew mas-surgenti li dawn gieli saqqew il-pjanti</u>***.' Dwar l-istqarrija spjega li '*sur strba li qed ngharaf bhala l-persuna fuq il-wheel chair gewwa l-awla u fil-fatt kien cahad illi hu ghalkemm kien jaf bihom dawk il-pjanti, cahad li huma tieghu. Lis-sur Klein Zdenko kont kellimtu wkoll bl-istess mod, tramite l-interpretu fejn kien rrilaxxja stqarrija u qed ngharafu bhala l-akkuzat l-iehor fl-awla fejn is-sur Klein kien ftit kontradittorju fl-istqarrija tieghu fejn per ezempju l-ewwel kien qal li qatt ma kien pejjep il-cannabis gewwa Malta u imbghad kien qal li iva gieli pejjep...*' Xehed ukoll li '*meta kien fl-ufficju tieghi kien qal verzjoni li ma taqbilx mal-verzjoni li kien qal fuq il-post u meta staqsejtu ghalfejn qed jghid verzjoni ohra, qal li ma riedx jiidher bhala l-bad guy. Jigifieri kif fhimtha jien biex ma johrogx kif nghidu ta' chicken u allura kien ammetta certu affarijiet..*' Mix-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech jirrizulta li huwa ma marx fuq il-post u ghalhekk kwalunkwe haga li setghu qalu l-appellanti waqt it-tfittxija ma ntqalitx lilu.

Din il-Qorti sejra anke tqis l-istqarrijiet rilaxxati mill-appellanti mehuda fit-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u ghalhekk fiz-zmien meta l-appellanti bhala suspettati ghalkemm kellhom dritt li jikkonsultaw ma Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija u cioe' waqt l-arrest, dritt li skont l-istqarrija huma rrifjutaw[2], ma kellhomx il-jedd li jkunu assistiti minn Avukat matul it-tehid tal-istqarrija u f'kull stadju iehor tal-investigazzjoni. Minkejja dan, minn imkien mill-atti ma jirrizulta li l-appellanti kkontestaw l-ammissibilita' ta' dawn l-istqarrijiet, la quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas quddiem din il-Qorti. Fl-istqarrija ta' David Strba a fol 61 et sequitur u mmarkata bhala Dok PG8 li kien ilu Malta ghall-ahhar tlett (3) gimgha qal fost affarijiet ohra ikkonferma li l-oggetti relatati mal-uzu tal-cannabis li instabu fil-kamra tas-sodda tieghu huma tieghu. Huwa kkonferma li jpejjep il-marihuana. Jghid li qatt ma biegh marihuana u li kien jixtrieh l-cannabis grass darbtejn minn persuni il-Mellieha. Mistoqsi meta ra l-pjanti l-ewwel darba qal li '*A couple of days after I arrived, when I went for the first time on the roof?*' Mistoqsi '*On your mobile phone SONY having black colour that you've said is your personal property, there are several photos of you and your*

[2] David Strba u anke Zdednk Klein fl-istqarrijiet rilaxxati fit-3 ta' Lulju 2014 a fol 61 gie mistoqsi '*Am I right to say that when arrested you've been given the right to speak to a lawyer? And am I right to say that you're not going to speak to a lawyer at this stage?*' it-tnejn wiegbu '*Yes.*'

*friends, also those who are living with you in the same flat, using cannabis and also photos of the cannabis plants found by the Police. Can you tell me something about these photos and about your evasive answering?'* wiegeb '*There's nothing wrong about taking a picture of a plant. I took the picture because I like the plant.*' Meta mistoqsi '*Who is taking care of the plants that were found by the Police?*' wiegeb '*I don't know whom, but not me. I was going very rarely on the roof.*' Mistoqsi '*Did you ever water those plants?*' wiegeb '*NO*' u cahad ukoll li qatt biegh jew ta drogi li haddiehor. Zdenko Klein fl-istqarrija tieghu rilaxxata fit-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u li tinsab a fol 64 et sequitur immarkata bhala Dok PG9 kkonferma li l-mobile phone SONY X Peria iswed huwa tieghu u li ilu Malta ghal tlett (3) gimghat. Fost affarijiet ohra kkonferma li huwa pejjep marihuana erba' (4) gimghat ilu fir-Repubbblika Ceka izda aktar tard fl-istqarrija jghid li meta kien Ghajn tuffieha ma Mario, David u forsi Martina, huwa kien pejjep mairhuana. Mistoqsi '*You have photos on your mobile phone showing the plants of marihuana the Police found last night at the residence in Mallieha. Why did you take the photos?*' wiegeb '*There is only one picture and I don't know why. I saw it there and I took the picture.*' Ra dawn il-pjanti l-ghada li waslu u kienu fil-gallarija u qabel gew il-genituri ta' Mario ghal vakanza xi hadd poggihom fuq il-bejt. Mistoqsi minn poggihom fuq il-bejt qal li '*I don't know because on that day I was out all day. I was looking for a job. When I returned home. The plants were not in the balcony and later I saw them on the roof.*' Mistoqsi '*Of whom are the marihuana plants and who was taking care of them?*' wiegeb '*When I asked someone of the other guys either Mario or Martin, I don't remember who, he told me that these plants were Marco's. Marco was a guy who lived there before we arrived. He left Malta and went to work in Germany. I don't know this guy, I only saw him on a picture.*' Mistoqsi '*Who is taking care of these plants?*' wiegeb '*I don't know. I was not there during the day. I did not care about the plants. I've just took a picture and that's it.*' Baqa jinsisti li ma kienx jiehu hsieb il-pjanti izda l-guvintur l-ohra Mario, Martin u forsi David izda qatt ma ra lil David jaghmel xejn izda Mario u Martin zgur li darba rahom sejrin flimkien biex isaqqu u rahom isaqqu l-pjanti meta mar fuq il-bejt. Qal ukoll li '*I saw David going on the roof but I've never saw David doing anything with the plant. Not even touching them,*' Cahad li kien wiehed minn dawk li ha hsieb il-pjanti wara li Marco telaq lejn il-Germanja. Gie muri ritratt fejn qal li kien qieghed jiprepara l-marijuana ghal David u spjega kif jipprepaha. Meta mistoqsi ***'Last night, after you've been duly cautioned, you and David confirmed with the Police that both***

***<u>of you water the marihuana plants you had on the roof of your residence. What can you tell me about what you've said?</u>***' wiegeb '*I did not say that me and David took care of the plants, but I've said that the four of us, me David, Martin and Mario all of us took care of the plants. But it's not true. I said that because I did not want to look as the bad guy in front of the others.*' Ma jafx ghala David qal l-istess haga bhalu. Meta rega gie mistoqsi '*So who takes care of the marihuana plants?*' wiegeb '*As I said before, Martin and Mario for sure and I only saw them once watering the plants and about David I'm not sure.*' Mistoqsi '*In the flat, a bottle and bag of plant fertilizer were found. What can you tell me about them?*' wiegeb '*I saw it there since I've arrived, in a cupboard, there were other some ther plants, mint of Martin and something else. The fertilizer was there since I've arrived and I only moved the bottle to take some papers from the cupboard. I never used the fertilizer.*' Cahad li hu u David mexxew il-pjanti tal-marihuana mill-gallarija ghal fuq il-bejt izda qal li ma setghx mexxihom ghax kien barra u meta wasal lura kienu diga fuq il-bejt.

PS 422 Neil Caruana fix-xhieda tieghu tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) spjega li '*Nhar it-2 ta' Lulju 2014 ghall-habta tal-9.50pm gejt infurmat mill-ispettur Pierre Grech rigward in-nomina tieghi rigward sejba ta' pjanti suspettati cannabis fuq il-bejt tal-fond 108 Triq l-Izbark tal-Francizi Mellieha. Ghaldaqstant biex naqdi l-inkarigu tieghi, jien acedejt fuq il-post imsemmi fejn ffotograajt u ddokumentajt u elevajt dak kollu li huwa necessarju.*' Fir-relazzjoni tieghu gew esebiti ukoll ritratti tal-pjanti suspettati cannabis.

PS 839 Stephen Micallef xehed fit-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn spjega li meta acceda fuq l-bejt innutaw tlett (3) pjanti tal-cannabis li kienu qishom pied u nofs twal, kien hemm tlieta, tnejn l-istess daqs u wahda daqxejn itwal minnhom. Xehed li '*Iccekkjajna min joqghod fl-appartament fejn milli jidher fil-flats ma kien joqghod hadd hlief fi flat 2 li kienu joqghodu xi barranin. Habbatna, kellimiehom. Hemm gew sibna tliet guvintur u zewg nisa, tejn minnhom li jien qed naghraf hawn hekk.* ' Fit-tfittxija sabu affarijiet relatati mad-droga li kienet pipa u '*qisha speci ta' bomba, crusher*'. Kien hemm minhom go kmamar, gos-salott. Xehed ukoll li fil-mobiles ta' kollha kien hemm ritratt ta' dawn il-pjanti tal-cannabis fl-istess post, jintgharfu li kienu qeghdin fil-gallerija. Spjega li '*meta affaccjajniehom b'dawn ir-ritratti, hemm hekk ammettew li kienu jiehdu hsiebhom huma u li kienu jsaqquhom u jaghtuhom is-sustanzi u*

*anke sibna fertilisers tal-pjanti go unit fis-salott stess fl-istess appartment. Imbghad kienu qalulna li dawn kienu sabuhom fl-appartament, kien ta' xi habib taghhom zmien ilu u baqghu jikkultivawhom huma'*. It-tlieta li huma qalu hekk. In-nisa ma kellhomx x'jaqsmu. Spjega ukoll li ***'L-iktar li tkellem jekk mhux sejjer zball kien David u Zdenko u kien hemm wiehed Mario. Imma Mario beda jichad l-allegazzjonijiet kollha. Izda dawn it-tnejn kkonfermaw u qaghdu jispjegaw li kienu anke isaqquhom u hekk'***. Dawn tkelmu bl-Ingliz, izda anke bdew juruh bis-sinjali u li bdew jiftehmu sewwa bl-Ingliz. In kontro-ezami mistoqsi jekk hass il-htiega ghal interpretu qal li le li bdew jiftehmu. Fl-appartament sabu dawn iz-zewg persuni u Mario waqt li Martin kien xoghol, bghatu ghalih u gie fl-appartament. Xehed li kienu jghixu kollha fl-istess appartament, li kienu erbgha (4) jghixu hemm.

PS 364 David Borg li xehed fit-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) li mar ukoll fuq il-post u ra l-pjanti tal-cannabis xehed ukoll li kienu anke elevaw xi karti tat-trembil tas-sigaretti, li kien hemm xi erba bottijiet li jghid li kellhom xi tracci maghhom u zewg pipi bi tracci. Jiftakar li nizlu xi borza li jista' jkun xi fertilizer. In kontro-ezami ikkonferma li waqt is-search kelmuhom bl-Ingliz. Xehed ukoll PC 773 Ryan Tonna fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) li ukoll mar fit-tfittxija fejn sabu zewg pipi, erba' (4) containers b'xi tracci ta' sustanza suspettata haxixa, mobile tal-marka Sony, tal-marka Nokia u mobile tal-ghamla Sony. Spjega li z-zewg pipi u erba' (4) containers u l-mobile Sony u Nokia kienu fl-affarijiet ta' Strba David u mobile Sony iehor kien ta' Zdenko Klein. Huwa gharaf lill imputati fl-awla. Ikkonferma li tkelmu bl-Ingliz u li ghalkemm forsi xi naqra Ingliz imkisser minn hawn u minn hemm ftehmu.

Ikkunsidat;

Illi ma hemmx dubju li l-pjanti kienu dawk tal-cannabis u dan skont ir-relazzjoni ta' Godwin Sammut. Fir-rapport ta' Dr Martin Bajada a fol 164 hemm ritratt ta' parti minn pjanta ttinzam f'id xi hadd, liema ritratt instab fil-mobile tal-ghamla Sony Xperia. Interessanti huwa l-fatt li fl-istadju tal-appell l-appellanti talbu li jithalla jixhed Mario Bona li kien ukoll residenti fl-appartament in kwistjoni. Huwa xehed fl-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) quddiem din il-Qorti diversament

preseduta huwa xehed li Martin wara li kienu gew arrestati kien qallu li l-pjanti kienu tieghu jigiefieri ta' Martin u li ghalhekk Martin gideb meta wahhal fl-appellanti. Fi kliemu '*I told to Martin that he supposed to go, and they plants that they found, but he didn't want to go. I was under the pressure of him, and he told me that if I say something bad to him he can destroy me physically, words like this.*' Spjega li '*he told me, after a few days, that it was him and he was ......there for maybe three or four months. On the roof.*' Ikkonferma li dan Martin ammetta li kienu tieghu. Jghid li '*I told him to go to the Police Station or somewhere and tell the truth, because it was him and he doesn't want to do this.*' Ikkonferma li gie mhedded minnu. Xehed ukoll li '*Martin told me that they were asking him, the Police ask him to tell him, they wanted to tell the Police that it was somewhere on the night table in his room. And so we told him that it would be trouble for him, so he asked to say some name who was that plants on the roof and he will be free of this. So he told that it was Zdenko and David.*' Jghid li dan Martin kien qed jigdeb fil-Qorti. Skont dan ix-xhud ghalhekk il-pjanti kienu ta' Martin skont kif qallu Martin stess u ghalhekk mhux tal-appellanti. Xehed li gie l-Qorti '*Because I don't want to my friends to have any more problems because of some Martin who is living now in Iceland. And he is happy there and they are in trouble here and every three months they must come to the Court because of nothing. They didn't make nothing wrong.*' Mistoqsi mill-Qorti '*Are you covering up for them or are you saying the truth?*' wiegeb '*I am saying the truth. That Martin told me that the plant were him.*' In kontro-ezami ikkonferma li kien jahdem breakfast u dinner u li kulhadd kellu c-cwievet ghall-appartament. Ikkonferma li xi kultant ma kienux ikunu kollha flimkien fl-appartament, ma kienx hemm il-hin kollu. Wara li heddu Martin, ma marx jirraportah il-Pulizija ghax beza jcempel lil Pulizija, jghid izda li qal lil pulizija li arrestah li l-pjanti kienu ta' Martin. Wara li gara dan sar jaf bil-pjanti tal-cannabis fl-appartament. Martin qallu li l-pjanti kienu tieghu wara li kienu arrestati, jghid li ried imur il-Qorti jghid il-verita u li ma kienx jaf li setgha jmur ghand il-Pulizija u jghid hemm. Dam Malta xi sena wara li kkonfessa Martin. Ikkonferma li kien f'kuntatt ma' Zdenko u David u li kien jaf x'kien qed jigri l-Qorti.

Ikkunsidrat;

Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha quddiemha mhux biss ix-xhieda traskritta li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti izda anke ix-xhieda traskritta ta' dan ix-xhud li ttella fl-istadju ta' appell. Jirrizulta ghalhekk li filwaqt li fl-istqarrijiet tal-appellanti, l-appellant David Strba li jghid li kien ilu Malta ghal tlett (3) gimghat jistqar li ma jafx ta' min huma l-pjanti, l-appellant Zdenko Klein fl-istqarrija tieghu jghid li Martin u Mario zgur li kienu jiehdu hsieb dawn il-pjanti u rahom darba isaqqu l-pjanti u li dwar David mhuwiex cert. Minn naha l-ohra Martin Sabejsea xehed kif wara li Marko siefer lejn il-Germanja halla l-pjanti warajh u li wara li waslu l-appellanti bdew jiehdu hsiebhom huma u li darba rahhom issaquha. Jirrizultaw kontradizzjonijiet fix-xhieda ta' dan Martin Sabejsea fejn filli jaghti x'jifhem li qieghed jissuspetta li kienu l-appellanti li hadu hsieb il-pjanti fejn jghid li '*I mean I didn't see them really see them but most probably it was them*' umbghad jghid li rahom isaqqu l-pjanti darba filghaxija. Hemm kontradizzjoni ukoll fix-xhieda ta' dan Martin Sabejsea f'dak li jirrigwarda meta dawn il-pjanti ttellghu fuq il-bejt u cioe' jekk qabel ma siefer lejn il-Germanja Marko jew wara li waslu l-appellanti jirrisjedu f'dan l-appartament. Kif gia inghad, Mario Bona minn naha l-ohra fl-istadju tal-appell xehed li Martin kien ammetta mieghu li l-pjanti kienu ta' Martin stess. Ghalhekk jirrizulta li hemm kwistjoni ta' kredibilia' u cioe' liema xhud il-Qorti ghandha temmen u liema ma ghandhiex. Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Martin (Martin-Joseph) Galea**'[3] gie kkunsidrat li:

'*L-appellant jichad kategorikament li kien jaf bil-pjanti. Jichad li qatt saqqihom. Meta ghamel l-istqarrija tieghu lill- Pulizija ammetta bla tlaqliq li l-ahhar li kien fil-post fejn instabu l-pjanti kien l-Erbgha filghaxija meta mar ma' Adrian Farrugia. Din il-Qorti tistaqsi: Kieku l-appellant kien jaf bil-pjanti, kien jammetti daqstant skjettament li kien ma' Adrian Farrugia proprju fil-gurnata u fil-hin li suppost kien qieghed isaqqi l-pjanti? Li l-appellant kellu access ghall- fond fejn instabu l-pjanti huwa ammess u dan kien peress illi l-proprjetarju kien tah ic-cwievet sabiex ikun jista' jaghmillu xi xoghol fil-post. L-appellant jammetti wkoll li kien ta c-cwievet lil Adrian Farrugia biex jghinu. Il-pussess tac-cwievet tal-fond mill-appellant ma jfissirx awtomatikament il-pussess tal-pjanti kontra l-ligi ghax trid tirrizulta x-xjenza. Fix-xiehda tieghu l-appellant jghid: "Ma nafx ghala [Adrian Farrugia] qed jghid hekk ghax jien mhux talli ma saqqejthomx talli lanqas kont naf bihom. Ghalkemm il-post nammetti li jien*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Marzu, 2009 (Appell Kriminali Numru: 313/2006)

*kont responsabbli ghalih pero` ma kontx naf li kien hemm dawn il-pjanti ahseb u ara kemm saqqejthom."*

*Huwa possibbli illi l-appellant kellu s-sehem minimu li jirreferi ghalih Adrian Farrugia fil-kultivazzjoni tal-pjanti in kwistjoni billi saqqihom darba. Izda l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha minghajr dubju ragjonevoli (beyond reasonable doubt). U dan huwa wiehed minn dawk il- kazijiet fejn, kbir kemm jista' jkun kbir is-suspett li jipponta lejn l-appellant minhabba dak li qal Adrian Farrugia, in vista tal-kweziti li ghamlet din il-Qorti u in vista tal-fatt li l- post kien accessibbli ghal haddiehor ukoll, dejjem jibqa' f'mohh din il-Qorti dak il- "lurking doubt" jekk kienx hemm l- element tax-xjenza da parti ta' l-appellant.'*

F'din il-kawza izda ma hemmx biss ix-xhieda ta' dawk li kienu residenti fl-appartament li xi ftit jew wisq kellhom kull interess li jnehhu kull htija minn fuqhom u ghalhekk dik ix-xhieda wahedha ma twassalx ghal serhan tal-mohh rigwardanti htija. Jirrizulta izda li ghalkemm jirrizulta car li l-pjanti ma gewx mizruha mill-appellanti, a *tempo vergine* meta l-Pulizija accedew fuq il-post u ghamlu t-tfittxija, l-appellanti kienu wara li gew rinfaccati b'ritratti tal-pjanta jew pjanti fuq il-mobiles, ammettew li kien jsaqqu dawn il-pjanti. PS 839 Stephen Micallef fix-xhieda tieghu l-ewwel jghid li '*malli wrejnihomlhhom qalulna li ma jafux bihom dawn l-affarijiet. Konna qed niccekkjaw anke xi ritratti tal-mobiles u hekk u fir-ritratti tal-mobiles ta' kollha kemm huma kien hemm ritratti ta' dawn il-pjanti tal-cannabis fl-istess post jintgharfu, li kienu qeghdin fil-gallarija taghhom. U meta affacjajniehom b'dawn ir-ritratti, hemm hekk ammettew li kienu jiehdu hsiebom huma u li kienu jsaqquhom u jaghtuhom is-sustanzi..*', li '*kienu qalulna li dawn kienu sabuhom fl-appartament, kien ta' xi habib taghom zmien ilu u baqghu jikkultivawhom huma*'. Meta mistoqsi '*Min qallek hekk?*' wiegeb li '*Kollha kemm huma*' jigifieri t-tlett irgiel izda aktar il-quddiem fix-xhieda jghid li ***'L-iktar li tkellem jekk mhux sejjer zball kien David u Zdenko u kien hemm wiehed Mario. Imma Mario beda jichad l-allegazzjonijiet kollha. Izda dawn it-tnejn kkonfermaw u qaghdu jispjegaw li kienu anke isaqquhom u hekk'***.

Illi kif tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti ghalkemm il-pjanti in kwistjoni kienu fuq il-bejt komuni ta' blokk ta' appartament li skond ix-xhieda ta' Martin Cabejsek kien jikkonsisti f'zewg apartamenti u minkejja li l-komun tal-blokk kif ukoll il-bejt kien accessibli minn bibien komuni, il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li ma ghandha l-ebda

dubju mill-provi prodotti li dawn originarjament kienu jinstabu fil-gallarija ta-appartament fejn kienu jirrijedu z-zewg imputati u sussegwentement ittellghu fuq il-bejt. Ma hemmx dubju lanqas li dawn ma gewx mizruwa mill-appellanti izda se mai kienu jigu msaqqija mill-appellanti. Skont Martin Cabejsek il-pjanti kienu jappartjenu lil certu Marko li telaq minn Malta u li skond dan Martin iz-zewg imputati sussegwenemtent bdew jiehdu hsieb lil dawn il-pjanti u rahom darba jsaqquhom. Ma jirrizultax car min tella dawn il-pjanti fuq il-bejt tant li ghalkemm l-appellanti fl-istqarrijiet taghhom jichdu li tellaw dawn il-pjanti fuq il-bejt tant li filwaqt li David Strba fl-istqarrija jghid li '*I've been here these last three weeks. I am looking for a job in Malta and the cannabis plants found by the Police were already there on the roof, so they are not mine and I don't know whom they are*.' Zdenko Klein fl-istqarrija tieghu meta mistoqsi min poggihom fuq il-bejt wiegeb li '*I don't know because on that day I was out all day. I was looking for a job. When I returned home. The plants were not in the balcony and later I saw them on the roof.*' Izda stranament l-appellanti fl-appell taghhom jghidu li '*L-appellanti minflok ma zammewx ix-xtieli fl-appartament fejn sabuhom telghuhom fuq il-bejt.*' Din il-Qorti tqis li ma hemmx dubju li l-appellanti mhux biss kienu jafu b'dawn il-pjanti izda li kienu jafu li dawn il-pjanti kienu tal-Cannabis. Dak li izda jrid jigi pruvat huwa li kellhom involviment fil-kultivazzjoni tal-pjanti in kwistjoni.

Kif inghad jirrizulta li hemm konflitt fix-xhieda prodotta izda li mhux necessarjament ghandha twassal ghal liberatorju. Kif ikkunsidrat l-Ewwel Qorti li kieku l-unika prova kontra l-appellanti kienet ix-xhieda ta' Martin Cabejsek, kien ikollha xi rizervi biex issib htija biss abbazi ta' hekk. Izda jibqa' l-fatt li dawn l-appellanti kif xehed PS 839 Stephen Micallef ammettaw li kienu jiehdu hsieb u jsaqqu lil dawn il-pjanti. Huwa inverosimili ghall-ahhar dak li jghid l-appellant Zdenko Klein fl-istqarrija tieghu rilaxxata fit-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn meta mistoqsi '*Last night, after you've been duly cautioned, you and David confirmed with the Police that both of you water the marihuana plants you had on the roof of your residence. What can you tell me about what you've said?*' wiegeb '*I did not say that that me and David took care of the plants, but I've said that the four of us, me David, Martin and Mario all of us took care of the plants. But it's not true. I said that because I did not want to look as the bad guy in front of the others.*' Kif ikkunsidrat l-Ewwel Qorti '*ma*

*tqis din l-ispjegazzjoni tal-imputat Klein bhala wahda kredibbli jew attendibbli, ghaliex fil-fehma taghha, li kieku l-imputat Klein verament ma riedx jidher ikrah mal-ohrajn, ma kienx jitfa' t-tort fuq kulhadd kif jghid li ghamel. Izda jew ma kien jghid xejn jew kien jinnega kollox u jieqaf hemm jew inkella fl-aghar ipotezi, kien jixhet it-tort fuqu biss.*'

Stqarrija tiswa biss ghal dak li jkun rrilaxxa u ma tiswiex fil-konfront tal-ko-imputat David Strba. Filfatt David Strba fl-istqarrija tieghu ma giex mistoqsi ghala qieghed ibiddel il-verzjoni ta' dak li huwa qal meta saret it-tfittxija. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tqis li ghalkemm il-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni, f'kaz li imputat jaghzel li jrid jipprova xi haga dan ghandu jsir fuq bazi ta' probabilita'. Din il-Qorti izda tqis li ma hemm xejn fl-atti fejn qieghed jigi kkontestat dak li PS 839 Stephen Micallef jghid li l-appellanti qalu, fis-sens li l-appellanti ma resqux provi biex jichdu dak li PS 839 Stephen Micallef jghid li l-appellanti stqarrew u ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghal ma ghandhiex temmen lil PS 839 Stephen Micallef. In oltre' ghalkemm ma kienx hemm interpretu meta saret it-tfittxija, il-Pulizija ikkonfermaw li l-appellanti tkellmu bl-Ingliz u anke jekk dan kien Ingliz baziku jew imfarrak, setghu xorta jiftehmu.

Ikkunsidrat;

Il-fatt li l-appellanti ma kienux il-persuni li zraw il-pjanti ma jfissirx li jekk persuna tkun biss saqqiet il-pjanti ma tkunx ikkultivathom *ai fini* ta' dak li trid il-ligi. Din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta versus Loreto Attard**'[4] ikkunsidrat li:

'*Illi proprjament il-kunċett ta' kultivazzjoni hu aktar allaċċjat ma' l-art milli ma' ħaġa oħra, infatti s-soltu wieħed normalment jikkultiva l-art. Il-leġislatur tagħna pero' bl-iktar mod ċar uża l-kliem "jikkultiva l-pjanta Cannabis" u ghalhekk isegwi li wieħed jista' jikkultiva l-Cannabis kemm fl-għelieqi kif koll fi qsari u kontenituri oħra u l-enfasi qiegħed fil-kultivazzjoni tagħha. Fil-fatt il-proċess ta' kultivazzjoni jibda mill-preparazzjoni ta' l-art sa ma jilħaq il-prodott pero' dan ma jfissirx per eżempju li persuna ma tkunx qed tikkultiva pjanta jekk ma tkunx żrat hi stess iż-żerriegħa jew ippreparat l-art jew jekk l-art kienet ġa'*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) fit-3 ta' Gunju, 1987.

*tajba u ma kienx jeħtieġilha preparazzjoni jew attenzjoni. Infatti persuna tista' tixtri pjanta jew takkwista waħda appena mnibbta u tkabbarha u b'daqshekk ma jistax jingħad li ma tkunx qed tkkultivaha. Kieku l-argumet ta' l-appellant kellu saħħa kieku persuna li tieħu mingħand persuna oħra għalqa miżrugħa diġa' bil-Cannabis u jkabbar il-pjanti u jara li jilħqu għall-qtugħ u proċessar ma jkunx ħati li kkultiva l-pjanta Cannais għax ma jkunx ipprepara l-art u żera' ż-żerriegħa hu. Dan il-mod ta' interpretazzjoni tal-kelma kultivazzjoni pero' fil-fehma ta' din il-Qorti mhux ħlief limitazzjoni li l-leġislatur evidentement la xtaq jipprovdi u lanqas ipprovda u għalhekk qed jiġi deċiż li l-aggravju relattiv ta' l-appellant hu infondat. Apparti dan kollu pero' jingħad ukoll li mill-provi jirriżulta wkoll li dawn il-pjanti ġew ikkurati mill-appellant li għamilhom mgħodija u kien isaqqihom regolarment darba fil-ġimgħa għal xhur sħaħ. Jekk din mhux kultivazzjoni, diffiċli wieħed jifhem għal x'hix saret il-liġi;'*

Din il-Qorti ma thoss li x-xhieda ta' Mario Bona li xehed quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta hija tali li twassal lil din il-Qorti biex tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. Ghalkemm Mario Bona xehed li Martin kien ikkonfida mieghu li l-pjanti in kwistjoni kienu tieghu, huwa in kontro-ezami kien qal ukoll li ma kienx ikun prezenti l-hin kollu fl-appartament. Din il-Qorti tqis li anke jekk kellu jitwemmen Mario Bona u cioe' li x-xhud principali Martin Sabejsea kuntrarjament ghal dak li kien xehed, kien stqarr ma' Mario Bonna li l-pjanti kienu tieghu, jibqa' l-fatt li anke jekk il-pjanti in kwistjoni ma kienux tal-appellanti, id-dikjarazzjonijiet verbali maghmula mill-appellanti lill-ufficjali tal-Pulizija meta saret it-tfittxija u cioe' fejn huma ammettew li kienu jsaqqu dawn il-pjanti li bla dubju kienu jafu li kienu Cannabis hija bizzejjed sabiex tirrizulta l-imputazzjoni dwar il-kultivazzjoni. Ma hemmx il-htiega li pjanta tkun tappartjeni lil persuna sabiex jissusisti r-reat ta' kultivazzjoni, huwa bizzejjed li persuna tkun partecipi f'dik il-kultivazzjoni u cioe' li persuna per ezempju ssaqqi din il-pjanta.

Ghalhekk kif kkunsidrat l-Ewwel Qorti '*a bazi tax-xhieda ta' PS 839 Stephen Micallef, li jghid li mieghu z-zewg imputati ammettew li kienu jsaqqu dawn il-pjanti u dan wara li diga' kienu nghataw is-solitu twissija u d-drittijiet taghhom, liema xhieda l-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex ghandha tiddubita minnha u a bazi wkoll imbaghad tal-korroborazzjoni tax-xhud Martin Cabejsek, tqis illi gie ppruvat fil-grad rikjest mill-ligi illi l-imputati kienu verament isaqqu il-pjanti in kwistjoni.*' B'zieda ma dan, din il-Qorti kif gia kkunsidrat,

tqis li anke jekk dak li xehed Mario Bona quddiem din il-Qorti diversament preseduta huwa minnu u cioe' li Martin Cabejsek kien qallu li l-pjanti kienu tieghu u mhux tal-appellanti, jirrizulta mill-kontro-ezami ta' Mario Bona li hu ma kienx ikun fl-appartament in kwistjoni l-hin kollu. In oltre' is-semplici tisqija tal-pjanti anke jekk dawn il-pjanti ma jkunux jappartjenu lil dak li jkun huwa xorta kkunsidrat bhala kultivazzjoni.

Ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti u qieghda ghalhekk tikkonferma l-htija tal-ewwel (1) imputazzjoni u cioe' dik bl-ittra 'a'. Din il-Qorti mhijiex sejra tqis it-tieni (2) imputazzjoni u cioe' dik bl-ittra 'b' u dan stante li l-appellanti mhumiex jappellaw minnha. Fir-rikors tal-appell lanqas ma hemm talba ghal varjazzjoni tal-piena u ghalhekk din il-Qorti sejra tikkonferma l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti.

Din il-Qorti tissottolinea izda li l-legislatur ghandu jikkunsidra jindirizza l-anomalija fejn l-artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmel distinzjoni bejn htija ta' kultivazzjoni ta' pjanta wahda tal-Kannabis komparat ma kultivazzjoni ta' aktar minn wahda fejn ghalhekk il-legislatur taht dan l-artikolu ma jaghtiex qies ghal piz tal-pjanti misjuba. Filfatt skont dan l-artikolu persuna li tinstab hatja ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantita' zghira '*li ma taqbiżx pjanta wahda*' tista' tinghata piena alternattiva minn dik ta' prigunerija inkluz dik ta' probation.

Din il-Qorti hija tal-fehma li huwa aktar ghaqli li jittiehed kont tal-piz tal-weraq meta jigi determinat jekk tistax tinghata piena alternattiva minn dik ta' prigunerija milli strettament it-treshhold tkun dik ta' pjanta wahda. Fil-kaz odjern ghalkemm instabu tlett pjanti, skont ir-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut il-piz tal-weraq minghajr l-gheruq u zkuk kien ta' 16.26 grammi b'purita' ta' cirka 3% u ghalhekk ghalkemm instabu tlett pjanti, wahda kellha piz ta' 0.66 grammi, ohra' ta' 2.60 grammi u l-akbar ta' 13 il-gramma. Fic-cirkostanzi piena ta' sentenza sospiza ta' terminu ta' prigunerija jew ordni ta' probation kienet tkun aktar idonea, dan anke tenut kont tal-fedina penali nadifa taz-zewg appellanti u anke ta' dak li xehdu l-Ufficjali tal-Probation quddiem din il-Qorti. Minkejja dan, idejn din il-Qorti huma marbuta b'dak li

tipprovdi l-ligi u ghalhekk ma ghandhiex ghazla ohra ghajr li tikkonferma l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. It-terminu ta' tlett xhur ghal hlas tal-multa u l-ispejjez tal-esperti skont kif ordnat mill-Ewwel Qorti jibda' ghaddej mil-lum.

Din il-Qorti tikkonferma l-ordni ghad-distruzzjoni tad-droga u tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga esebiti flimkien mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut kif ukoll bhala parti minn Dok. PG11 kif is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inseit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Din il-Qorti tordna wkoll ir-rilaxx tal-mobile phone esebit bhala Dok PG 10 favur l-appellant Klein u r-rilaxx tal-mobile phones esebiti bhala Dok. PG 11 favur l-appellant l-iehor Strba.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur